# Lectio Divina
## Ir-4 Ħadd ta' Matul is-Sena
## Sena Ċ

### Lq 4, 21-30

Ninsabu fil-kap. 4 ta' *Lq*, sezzjoni minn v. 14-44, li fiha hi ppreżentata l-attività ta' Ġesù fis-sinagogi tal-Galilija (Nazaret u Kafarnahum) u mbagħad fil-kumplament tal-Lhudija. *Lq* għandu skema ċara ta' kif tħabbar l-Evanġelju, li jerġa jippreżentaha lejn l-aħħar tal-Vanġelu (23,5) u f'*Atti* 10,37: "*Intom tafu b'dak li ġara mal-Lhudija kollha, ibda mill-Galilija*". L-awtur iqiegħed l-enfasi fuq it-"tagħlim" ta' Ġesù. L-istess għeġubijiet li jagħmel huma mmirati biex jikkonfermaw is-"setgħa" tat-tagħlim tiegħu (v.32). Ġesù jidher bħala l-Imgħallem li jħabbar is-"Saltna ta' Alla" l-ewwelnett lil Iżrael, mis-sinagogi tagħhom, skont it-tradizzjoni Ġudajka.

L-attività ta' Ġesù hija ppreżentata bħala tkomplija tal-magħmudija tiegħu, kif jixhed ir-riferiment għall-"*qawwa tal-Ispirtu*" (v. 14). Is-setgħa li tidher fit-tagħlim tiegħu u l-qawwa ta' għemilu (speċjalment kontra x-xjaten, v.36) huma espressjoni tal-istess qawwa tal-Ispirtu. Mhuwiex l-Ispirtu li qed jiddomina lil Ġesù, imma huwa l-"Iben" li dejjem jaġixxi fl-Ispirtu. "*Alla kkonsagra lil Ġesù ta' Nażaret bl-Ispirtu u l-qawwa*" (*Atti* 10,38).

**v. 21: U beda jgħidilhom: "Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu."**

Vers ta' importanza konsiderevoli. Għall-ewwel darba Ġesù "jibda" jitkellem fil-pubbliku. Il-verb *árchomai* (tibda) juri bidu ġdid, mhux biss il-bidu tal-ministeru pubbliku imma wkoll taż-żmien tal-fidwa. Il-bidu ġdid ta' Ġesù huwa għal kollox partikulari: mhuwiex qtugħ minn mat-tradizzjoni, imma jseħħ f'kontinwità mal-Iskrittura u mat-tradizzjoni Ġudajka (is-Sinagoga). Huwa bidu mhux biss għax se jkun hemm kontenut ġdid imma fuq kollox għax il-kitbiet jibdew iseħħu. Il-*lectio* fis-sinagoga dwar il-profeti u l-wegħdiet

tinbidel f'*evangelium*. Filwaqt li l-profeti jħabbru x'se jiġri fil-ġejjieni, Ġesù juża l-passat biex jindika dak li għadu kemm seħħ fil-Persuna tiegħu, għax fih l-Iskrittura ħadet realtà ġdida. Ġesù ma jiddeskrivix il-kif u l-għaliex seħħet l-Iskrittura, għaliex dan hu ċar għan-nies ta' Nażaret minn dak li semgħu dwaru u minn dak li qed jaraw quddiemhom. Hekk ukoll is-smigħ mhuwiex iktar smigħ tar-ripetizzjoni tal-Iskrittura, imma ta' xi ħadd li fih seħħet l-Iskrittura. Anki d-dixxipli ta' Ġesù se jkunu dawk li mhux sempliċiment jaqraw l-Iskrittura u jfehmuha, imma dawk li bħal Imgħallem tagħhom iwassluha għall-milja fil-persuna tagħhom. "*Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-kelma tal-ħajja, dan se nxandrulkom*." (*1 Ġw* 1,1)

**v. 22a: U lkoll laqgħu kliemu u stagħġbu għall-kliem mimli ħlewwa li kien ħiereġ minn fommu**

Għall-ewwel, anki f'Nażaret Ġesù jiġi milqugħ tajjeb u l-kelma tiegħu tħalli l-ewwel effett tagħna: dawk preżenti jibdew "jagħtu xhieda tiegħu" (*émarturoun auto*). Dan hu eżattament dak li jitlob Ġesù mid-dixxipli tiegħu fl-għeluq tal-evanġelju (24,48) u fil-bidu tal-*Atti*: "*...intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art*" (1,8). Il-kliem ta' Ġesù huwa "kliem tal-grazzja" formola li *Lq* juża biex jiddeskrivi x-xandir tal-Kelma. Il-kelma tal-grazzja mod li jindika l-azzjoni konkreta ta' Alla fid-dinja. (cfr. *Atti* 14, 3; 20, 32).

**v. 22b: u bdew jgħidu: "Dan mhuwiex bin Ġużeppi?"**

Fin-nies ta' Nażaret hemm taħlita ta' sentimenti b'reazzjoni għal dak li qegħdin jaraw u jisimgħu. Mal-istgħaġib (*étaumazon* – is-sentiment li fl-era klassika kien meqjus bħala l-bidu ta' kull għerf) tidħol il-mistoqsija suspettuża, probabilment imqajjma mill-ħsieb li dak li Ġesù kien qed jagħmel ma kienx kompatibbli mal-fatt li kien mill-istess raħal tagħhom. L-istess jiġri fir-rigward tal-Appostli f'*Atti* 2,7. Fid-dawl ta' dak li jiġri wara, din il-mistoqsija turi l-preżenza ta' nuqqas ta' libertà li wieħed jisma mingħajr preġudizzji: "*Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?*" (*Lq* 24,33)

**v. 23-24: Iżda hu qalilhom: "Żgur li se tgħidu għalija dan il-proverbju, 'Tabib, fejjaq lilek innifsek : dak kollu li smajna li ġara f'Kafarnahum agħmlu hawn f'pajjiżek ukoll." U żied jgħidilhom: "Tassew, ngħidilkom, ebda profeta ma jilqgħuh tajjeb f'pajjiżu.**

Il-qarrej ta' *Lq* diġa jaf li l-missjoni ta' Ġesù se tkun ukoll li "jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna" (2,35). Minn dak li jgħid Ġesù, joħroġ li n-nies ta' Nażaret ma kinux kuntenti bil-kitba li seħħet quddiemhom imma riedu sinjal li jneħħi kull dubju li kellhom dwaru. "*Meta l-folla tan-nies żdiedet, Ġesù qabad u qal: "Nisel ħażin huwa dan in-nisel! Irid sinjal! Imma ebda sinjal ma jingħatalu...*" (11,29). Xħin jippretendu li Ġesù jfejjaq lilu nnifsu (riferiment għall-fatt li hu min Nażaret) juru li għadhom ippreġudikati biss mill-oriġini u mill-passat tiegħu. Quddiem l-ambigwità tan-nies ta' Nażaret, Ġesù jagħżel li ma jibnix fuq l-ewwel reazzjoni ta' approvazzjoni li rċieva, imma jipprovokahom biex joħroġ għad-dawl is-suspetti u l-preġudizzji tagħhom. Ġesù – li issa huwa adult (cfr. 3,23) – juri l-qawwa u l-libertà li jixhed għall-verità sa mill-ewwel dehra tiegħu mingħajr il-bżonn li jiġi kkonfermat bl-approvazzjoni u s-simpatija ta' ħaddieħor.

**v. 25-27: Għax, ngħidilkom is-sewwa, kien hemm bosta romol f'Iżrael fi żmien Elija meta s-sema baqa' tliet snin u sitt xhur magħluq u waqa' ġuħ kbir fil-pajjiż kollu; madankollu għand ħadd minnhom ma ntbagħat Elija, imma għand waħda armla minn Sarefta ta' Sidon. U kien hemm bosta lebbrużi f'Iżrael fi żmien il-profeta Eliżew, imma ħadd minnhom ma ġie mfejjaq ħlief Nagħman tas-Sirja."**

Wara li Ġesù jidentifika ruħu bħala profeta, juri li hekk kif jiġi mibgħut (v. 18) jiġrilu l-istess kif ġara lil Elija (cfr. *1 Slat* 17,7ss) u lil Eliżew (cfr. *2 Slat* 5,1ss). Għal *Lq* dak li jiġri f'Nażaret huwa antiċipazzjoni ta' tema ċentrali f'*Atti*: il-missjoni salvifika hija offruta l-ewwel lil Iżrael, imma meta tiġi irrijutata ma tintemmx fix-xejn imma ssib destinatarji ġodda u iktar miftuħin għaliha. "*Imma Pawlu u Barnaba bil-kuraġġ kollu qalu: 'Hekk kien meħtieġ, li l-kelma ta' Alla titħabbar lilkom l-ewwel. Billi intom qegħdin twarrbuha, u jidhrilkom li ma tistħoqqilkomx il-ħajja ta' dejjem, aħna se nduru fuq il-pagani.*" (13, 46; *cfr.* kap 7-8; 18, 5ss; 19, 8; 28, 23-38). Għal min jaġixxi taħt il-qawwa tal-Ispirtu l-ebda falliment ma jista' jġib fix-xejn il-missjoni tiegħu.

**v. 28: Meta semgħu dan fis-sinagoga kulħadd imtela bil-korla**

Kif "ħadd minnhom" fi żmien Elija u Eliżew ma jilqa' l-missjoni profetika, hekk ukoll issa "kulħadd" iqum kontra Ġesù. Il-korla turi li s-smigħ min-naħa tagħhom kien ibbażat biss fuq emozzjonijiet immedjati, li min-natura tagħhom jinbidlu f'ħakka t'għajn. "*Dawk li jinżergħu f'art kollha blat huma dawk li meta jisimgħu l-kelma, minnufih jilqgħuha bil-ferħ, imma għeruq ma jkollhomx, u għalhekk ftit idumu*" (*Mk* 4, 16-17).

**v. 29: qamu, u ħarġuh 'il barra mill-belt, ħaduh fuq xifer ta' rdum ta' l-għolja li fuqha kienet mibnija l-belt tagħhom, u riedu jixħtuh minn hemm fuq għal isfel. Iżda hu għadda minn ġo nofshom u baqa' sejjer.**

Ir-reazzjoni kontra Ġesù tidher għal kollox barra minn lokha u *Lq* jiddeskriviha biex jalludi għall-kuntrast li l-miġja ta' Ġesù toħloq sa mill-bidu. "*Taħsbu intom li jien ġejt inġib il-paċi fid-dinja? Le, ngħidilkom, imma l-firda*" (12, 51). Il-qawmien minn posthom huwa ġest ta' ostilità kbira li jirrepeti ruħu kontra Stiefnu (cfr. *Atti* 6, 9). Fil-fatt li Ġesù jittieħed 'l barra mill-belt naraw antiċipazzjoni għal meta lill-Iben "*xeħtuh 'il barra mill-għalqa tad-dwieli u qatluh*". Fl-attentat ta' qtil iseħħ il-ħarsien mirakuluż li Alla jwiegħed lill-Magħżul tiegħu (*Salm* 91, 11-12). Ftit qabel, fid-deżert ix-Xitan kien stieden lil Ġesù biex iġarrab lil Missieru propju dwar dan, imma Ġesù jirrifjuta għax jaf li Alla se jżomm il-wegħda tiegħu fil-ħin opportun. Għalkemm jeħlisha mill-mewt b'mod misterjuż ma jaħrabx mill-missjoni tiegħu imma jkompli triqtu: "*jeħtieġli nissokta t-triq tiegħi, għax ma għandux ikun li profeta jinqered barra minn Ġerusalemm.*" (*Lq* 13,33).